**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 21 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 35**

**Avviz Nru: 1186/02AE**

**Marcel u Marie Louise konjugi Bonaci**

**Vs**

**Alfred McKay**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u erbatax-il lira Maltija (Lm1314), hlas ta' sena kera mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Dicembru 2002 rigward fond gewwa l-Hamrun mikri lill-konvenut u liema kera giet dovuta fl-1 ta' Jannar 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf tlett mija u erbatax-il lira Maltija (Lm1314), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**